MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Numru. 697/2002

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Magri)
vs
Miriam Gerada

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata fuq imsemmija Miriam Gerada, detentrici tal-karta tal-identita Nru 27769(M), li permezz taghhom hija giet akkuzata talli talli fit-22 ta’ Jannar, 2000 kif ukoll fid-29 ta’ Frar, 2000 tat xhieda falza fi proceduri kriminali dwar delitt suggett ghall-piena akbar mill-piena ta’ prigunerija ghal zmien sentejn, sew kontra kemm favur Joseph Cini mill-Qawra;

Fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi halfet falz quddiem Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu setgha b’ligi, jew ordnat b’sentenza jew b’digriet ta’ wahda mill-Qrati ta’ Malta;

Rat in-Nota ta’ l-Avukat Generali tas-27 ta’ Mejju, 2003 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :
Fl-Artikoli 104 u 108 tal-Kodici Kriminali u semghet lill-imputata fuq imsemmija twiegeb illi ma kellix oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet lill-imputata debitament assistita volotarjament tirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u dana waqt is-seduta tal-24 ta’ Settembru 2003;

Ikkunsidrat :

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja ta’ l-imputata fuq imsemmija ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha l-Qorti issibha hatja ta’ dawn l-imputazzjonijiet kollha, u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 104 u 108 tal-Kodici Kriminali;

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena l-fatt illi l-imputata irregistrat ammissjoni, kif ukoll il-fatt illi l-imputata ammettiet illi kienet hadet gurament falz qabel ma Joseph Cini, l-persuna illi hija implikat f’reati kriminali, lahaq gie sentenzjat. Ghalhekk il-Qorti ma tarax illi piena karcerarja tkun idoneja ghall-akkadut u tara illi jkun ferm aktar ta’ beneficcju kemm ghall-imputata, kif ukoll ghas-socjeta in generali jekk l-imputata tinghata l-ahhar opportunita sabiex tirriforma hajjitha u taqbad it-triq it-tajba. Ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 tikkundanna lill-imputata fuq imsemmija, misjuba hatja kif diga intqal, ghal sentejn prigunerija, liema prigunerija ma ghandhiex tibda issehh sakemm f’perjodu ta’ erba’ snin mill-lum l-imputata ma tikkommettix reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hatja bi kliem car bir-responsabbilta taghha skond il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul dan il-perjodu ta' prigunerija sospiza.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 109 tal-Kap 9 u tapplika l-piena ta' l-interdizzjoni generali fil-konfront ta' l-imputata fuq imsemmija, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-hatja isservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja u bhala Perit f'kull kaz li jkun, liema interdizzjoni ghandha tkun ghal zmien ta' hames snin mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------